Nru./No. 21,463
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025
Wednesday, 2nd July, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 8893
Government Notices *8893*

Avviżi tal-Pulizija 8893
Police Notices *8893*

Avviżi tal-Qorti ..... 8894 - 8896
Court Notices ..... *8894 - 8896*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1020

BORD TA' REVIŻJONI DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bir-Regolament 81(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi L.S. 601.03, il-Prim Ministru għoġbu jaħtar lil Dr Sharon Mary Mizzi bħala membru permanenti addizzjonali fuq il-Bord taʾ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi b'effett mil-1 taʾ Lulju, 2025.

L-1 ta' Lulju, 2025

Nru. 1021

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 137 imsejjaħ l-Att tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà ta' persuni li jokkupaw Kariga Pubblika u ta' Entitajiet Pubbliċi.

It-2 ta' Lulju, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 147

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu, 2025, mill-4.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

It-trasport pubbliku se jieqaf f'din id-data u ħin.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Lulju, 2025

GOVERNMENT NOTICES

Nru. 1020

PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Regulation 81(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03, the Prime Minister has appointed Dr Sharon Mary Mizzi as an additional permanent member on the Public Contracts Review Board with effect from 1st July, 2025.

1st July, 2025

No. 1021

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 137 entitled the Holders of Public Office and Public Entities (Responsibility) Act.

2nd July, 2025

POLICE NOTICE

No. 147

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Friday, 1st August, 2025, from 4.00 p.m. to 8.30 p.m., through Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Public transport will stop on this date and time.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

2nd July, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1714

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fil-31 ta' Jannar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 6/2025FDP, fl-ismijiet: Anthony Formosa et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Anthony Formosa (119951M) et vs Avukat tal-Istat et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti su esposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mil-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li l-lokazzjoni tal-fond bin-numru tmienja u tletin (38), Timber Wharf, Il-Marsa, a favur Mercurois Holdings Limited u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 6 u 9 jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà inkwistjoni;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-liġi;

6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction), on the 31st January, 2025, in the records of the Sworn application number 6/2025FDP, in the names: Anthony Formosa et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Anthony Formosa (119951M) et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction) on the 9th January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the facts above mentioned constitute a violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned in the First Article of the First Protocol of the European Convention made part of the law of Malta by virtue of the European Convention Act (Cap. 319 of the Laws of Malta);

2. Consequently declare and decide that the lease of the premises with number thirty eight (38), Timber Wharf, Marsa, in favour of Mercurois Holdings Limited and the provisions of Cap. 69 of the Laws of Malta, in particular Articles 3, 4, 6 and 9 violate the fundamental rights of the applicants as enshrined in Article 1 of the First Protocol of the European Convention;

3. Consequently give those orders, issue those acts and give such directives as it deems fit in order to carry out or ensure the fulfilment of the applicant's fundamental rights as guaranteed under the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms;

4. Declare and decide that the respondents or either of whom are responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the applicants as a consequence of the violation of the fundamental rights of the applicants due to the facts above explained where inter alia a fair balance was not created between the rights of the owner and those of the lessee, since the lease was forced in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, amongst other offences, does not reflect the market nor the rental value of the property in question;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicants, in terms of law;

6. Condemn the respondents or either of whom to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated in terms of law, with legal interest of 8% per annum from the date of filing of the present cause till the date of effective payment.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 6/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-23 ta' Settembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Mercurius Holdings Limited (C11260), 192, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 6/2025FDP in the names mentioned above is postponed to 23rd September, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Mercurius Holdings Limited (C11260), 192, Triq id-Dejqa, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 1st July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1715

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' April, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 5 ta' Awwissu, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar (terraced house) bin-numru erbgħa u sittin (64) qabel magħrufa bin-numru tlieta u tmenin (83) fi Triq is-Sur, l-Isla, inkluż l-arja, libera u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u dana kif deskritta aħjar fl-atti tan-Nutar Dott. Marthese Felice tas-sbatax ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (17.2.1999), stmata li tiswa tliet mija u għaxart elf ewro (€310,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Ivan Barbara (KI 538478M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 13/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, l-1 ta' Lulju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 3rd April 2025 on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 5th August, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Terraced house numbered sixty four (64) formerly known by number eighty three (83) in Triq is-Sur, Senglea, including its airspace, free and unencumbered and with all its rights and appurtenances and this as better described in the acts of Notary Marthese Felice of the seventeenth of February of the year one thousand nine hundred and ninety nine (17.2.1999), valued at three hundred and ten thousand euro (€310,000).

The said tenement is the property of Ivan Barbara (ID 538478M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2024.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 1st July, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1716

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ġunju, 2025, fuq rikors ta'APS Bank plc (C2192) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Blokk bini bla numru uffiċjali, bl-isem Alu Care Buildings, fi Triq il-Kappar qabel magħrufa bħala triq ġdida fi Triq in-Naġġar, Il-Mosta, eskluża l-penthouse li tinsab fit-tielet (3) sular, però inkluż is-sottoswol. Il-fond jinsab

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 5th June, 2025, on the application of APS Bank plc (C2192), Tuesday, 25th November, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

A block of building officially unnumbered, named Alu Care Buildings, in Triq il-Kappar previously known as new street in Triq in-Naġġar, Mosta, excluding the penthouse situated on the third (3rd) floor level, however including the sub terrain.

f'żona industrijali u jikkonsisti f'fabbrika li testendi fuq tliet sulari, wieħed minnhom kantina, inkluż użu anċillari bħal garaxx għall-vetturi u spazji għall-ħażna ta' materjal. Fl-ewwel sular hemm tliet (3) bibien jagħtu għat-triq, bi dritt ta' passaġġ reċiproku mal-penthouse li tinsab mibnija fit-tielet (3) sular u jikkonfina mit-Tramuntana mat-Triq, mill-Punent ma' beni ta' Francis Sciberras jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Maria Vella jew l-aventi kawża tagħha jew irjieħ verjuri, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha u stmata għal miljun, ħames mija u tnejn u tletin elf, mija u ħamsa u sittin ewro (€1,532,165).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The building is situated in an industrial zone and consists of a factory extending on three levels, one of which a basement level, including the ancillary use as garage for vehicles and space for material storage. Access to the street is accessed from three (3) doors situated on the street floor level, with right of reciprocal passage with the penthouse situated on the third (3rd) floor level and is bounded on the north by the said street granting access, on the west by property of Francis Sciberras or successors in title and on the east with property of Maria Vella or her successors in title, or more accurate boundaries, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and valued at one million, five hundred and thirty two thousand, one hundred and sixty five euro (€1,532,165).

The said tenement is the property of Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2020.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd July, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1717

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Ġunju, 2025, fuq rikors ta' APS Bank plc (C2192) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Penthouse inkluż l-arja sovrastanti li tinsab fuq il-blokka tal-bini 'Alucare Buildings', Triq il-Kappar, il-Mosta, li għandha aċċess minn taraġ komuni li jaqa' fuq Triq il-Kappar, il-Mosta, konfinanti fuq it-Tramuntana mill-imsemmija triq li tagħti aċċess, fuq il-Punent minn proprjetà ta' Francis Sciberras jew suċċessuri fit-titolu u fil-Lvant ma' proprjetà ta' Marija Vella jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu u stmata għal erba' mitt elf ewro (€400,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Fenech Stephan (KI 309571M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 24/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th June, 2025, on the application of APS Bank plc (C2192), Tuesday, 25th November, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Penthouse together with its overlying airspace overlying the block of buildings 'Alucare Buildings' in Triq il-Kappar, Mosta, having access from a common stairwell abutting onto Triq il-Kappar, Mosta, bounded on the North by the said street granting access, on the west by property of Francis Sciberras or successors in title and on the east by property of Marija Vella or her successors in title and valued at four hundred thousand euro (€400,000).

The said tenement is the property of Fenech Stephan (ID 309571M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 24/2020.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd July, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603